

32005D0610

11.8.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 208/21

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tad-9 ta' Awwissu 2005****li tistabbilixxi l-klassijiet ta' reazzjoni għan-nar ta' ċerti prodotti tal-kostruzzjoni***(notifikat bid-dokument numru C(2005) 2925)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2005/610/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(2)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 89/106/KEE tipprevedi li biex jiġu kkunsidrati livelli differenti ta' ħarsien għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, jista' jkun meħtieġ li fid-dokumenti interpretattivi jiġu stabbiliti klassijiet li jikkorrispondu mar-reazzjonijiet tal-prodotti fir-rigward ta' kull rekwiżit essenzjali. Dawn id-dokumenti ġew ippubblikati bħala "Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tad-dokumenti interpretattivi tad-Direttiva 89/106/KEE <sup>(2)</sup>".
- (2) Fir-rigward tar-rekwiżit essenzjali għas-sikurezza f'każ ta' nar, id-dokument interpretattiv Nru 2 jelenka għadd ta' miżuri interrelatati li flimkien jagħtu definizzjoni tal-istrateġija tas-sikurezza kontra n-nar li se tiġi żviluppata b'modi differenti fl-Istati Membri.
- (3) Id-Dokument Interpretattiv Nru 2 jidentifika waħda minn dawk il-miżuri bħala l-limitazzjoni tal-bidu u l-firxa tan-nar u d-duħħan f'żona partikolari billi jiġi limitat il-potenzjal tal-prodotti tal-kostruzzjoni li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sħiħ tan-nirien.

- (4) Il-livell ta' din il-limitazzjoni jista' jiġi espress biss f'termini tal-livelli differenti ta' reazzjonijiet għan-nar tal-prodotti fl-applikazzjoni aħħarija tagħhom.
- (5) Għal soluzzjoni armonizzata, ġiet adottata sistema ta' klassijiet fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/147/KE <sup>(3)</sup> tat-8 ta' Frar 2000 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE rigward il-klassifikazzjoni tar-reazzjoni għan-nar tal-prodotti għall-kostruzzjoni.
- (6) Fil-każ ta' ċerti prodotti tal-kostruzzjoni, jinħtieġ tintuża l-klassifikazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni 2000/147/KE.
- (7) Ir-reazzjonijiet għan-nar ta' ħafna mill-prodotti u/jew materjali tal-kostruzzjoni, fi ħdan il-klassifikazzjoni prevista fid-Deċiżjoni 2000/147/KE, huma stabbiliti sewwa u magħrufa biżżejjed mir-regolaturi tan-nar fl-Istati Membri, tant li ma jeħtieġux testijiet għal din il-karatteristika partikolari ta' reazzjoni.
- (8) Il-prodotti għandhom jitqiesu frabta mal-applikazzjoni tal-użu aħħari tagħhom, fejn rilevanti.
- (9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kostruzzjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-prodotti u/jew il-materjali tal-kostruzzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-karatteristika tar-"reazzjoni għan-nar" min-għajr ħtieġa ta' aktar testijiet huma stipulati fl-Anness.

<sup>(1)</sup> ĠU L 40, 11.2.1989, p. 12. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU C 62, 28.2.1994, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 50, 23.2.2000, p. 14. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2003/632/KE (ĠU L 220, 3.9.2003, p. 5).

*Artikolu 2*

Il-klassijiet speċifiċi li għandhom jiġu applikati għal prodotti u/jew materjali differenti tal-kostruzzjoni, fi ħdan il-klassifikazzjoni tar-reazzjonijiet għan-nar adottata fid-Deċiżjoni 2000/147/KE, huma stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 9 ta' Awwissu 2005.

*Għall-Kummissjoni*  
Gunter VERHEUGEN  
*Vċi President*

---

## ANNEX

It-tabella stipulata f'dan l-Anness telenka prodotti u/jew materjali tal-kostruzzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-karatteristika tar-reazzjoni għan-nar mingħajr hteġa ta' testijiet.

Tabella 1

KLASSIJET TA' REAZZJONI GĦAN-NAR GĦALL-GLULAM <sup>(1)</sup>

Materjal	Detalji tal-prodott	Densità medja minima <sup>(2)</sup> (kg/m <sup>3</sup> )	Ħxuna nominali minima (mm)	Klassi <sup>(3)</sup>
Glulam	Prodotti laminati inkullati tal-injam f'konformità ma' EN14080.	380	40	D-s2, d0

<sup>(1)</sup> Tapplika għall-ispeċijiet kollha u t-tipi kollha ta' kolla koperti mill-istandard tal-prodott.

<sup>(2)</sup> Ikkundizzjonata skont EN 13238.

<sup>(3)</sup> Il-Klassi kif prevista fit-Tabella 1 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2000/147/KE.

Tabella 2

## KLASSIJET TA' REAZZJONI GĦAN-NAR GĦALL-KISI LLAMINAT TAL-ART

Tip ta' kisi tal-art <sup>(1)</sup>	Detalji tal-prodott	Densità minima (kg/m <sup>3</sup> )	Ħxuna nominali minima (mm)	Klassi tal-kisjiet <sup>(2)</sup>
Kisi llaminat tal-art	Kisi llaminat tal-art immanifatturat f'konformità ma' EN 13329:2000.	800	6,5	E <sub>FL</sub>

<sup>(1)</sup> Kisi tal-art imqiegħed (mhux imwaħħal) fuq kwalunkwe sottostrat ≥ D-s2, d0 li fih l-injam, jew kwalunkwe sottostrat tal-klassi A2-s1, d0.

<sup>(2)</sup> Il-Klassi kif prevista fit-Tabella 2 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2000/147/KE.

Tabella 3

## KLASSIJET TA' REAZZJONI GĦAN-NAR GĦALL-KISI ELASTIKU TAL-ART

Tip ta' kisi tal-art <sup>(1)</sup>	Standard tal-prodott EN	Massa minima (kg/m <sup>2</sup> )	Massa massima (kg/m <sup>2</sup> )	Ħxuna nominali minima (mm)	Klassi tal-kisjiet <sup>(2)</sup>
Linoljum ordinarju u dekorattiv	EN 548	2 300	4 900	2	E <sub>FL</sub>
Kisi tal-art tal-polyvinyl chloride omoġenju u eteroġenju	EN 649	2 300	3 900	1,5	E <sub>FL</sub>
Kisi tal-art tal-polyvinyl chloride b'saff tal-fowm	EN 651	1 700	5 400	2	E <sub>FL</sub>
Kisi tal-art tal-polyvinyl chloride bil-parti ta' wara bbażata fuq is-sufra	EN 652	3 400	3 700	3,2	E <sub>FL</sub>
Kisi tal-art tal-polyvinyl chloride mwessa' ( <i>cushioned</i> )	EN 653	1 000	2 800	1,1	E <sub>FL</sub>
Madum semi-flessibbli tal-polivinyl chloride	EN 654	4 200	5 000	2	E <sub>FL</sub>
Linoljum b'qiegħ tas-sufra	EN 687	2 900	5 300	2,5	E <sub>FL</sub>
Kisi tal-art tal-lasktu lixx omoġenju u eteroġenju bil-parti ta' wara tal-fowm	EN 1816	3 400	4 300	4	E <sub>FL</sub>
Kisi tal-art tal-lasktu lixx omoġenju u eteroġenju	EN 1817	3 000	6 000	1,8	E <sub>FL</sub>
Kisi tal-art tal-lasktu mhux lixx omoġenju u eteroġenju	EN 12199	4 600	6 700	2,5	E <sub>FL</sub>

<sup>(1)</sup> Kisi tal-art imqiegħed (mhux imwaħħal) fuq kwalunkwe sottostrat ≥ D-s2, d0 li fih l-injam, jew kwalunkwe sottostrat tal-klassi A2-s1, d0.

<sup>(2)</sup> Il-Klassi kif prevista fit-Tabella 2 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2000/147/KE.

**Tabella 4**

## KLASSIJET TA' REAZZJONI GĦAN-NAR GĦALL-KISI TAL-ART TAT-TESSUTI

Tip ta' kisi tal-art <sup>(1)</sup>	Standard tal-prodott EN	Klassi tal-kisjiet <sup>(2)</sup>
Twapet tal-pil magħmulin bil-magna li jaslu minn ħajt sa ħajt u madum tat-tapit tal-pil mhux FR <sup>(3)</sup>	EN 1307	E <sub>FL</sub>
Kisi tal-art tat-tessuti mingħajr pil maħdumin bil-labra mhux FR <sup>(3)</sup>	EN 1470	E <sub>FL</sub>
Kisi tal-art tat-tessuti bil-pil maħdumin bil-labra mhux FR <sup>(3)</sup>	EN 13297	E <sub>FL</sub>

<sup>(1)</sup> Kisi tal-art inkullat ma', jew imqiegħad fuq, sottostrat tal-klassi A2-s1, d0

<sup>(2)</sup> Il-Klassi kif prevista fit-Tabella 2 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2000/147/KE.

<sup>(3)</sup> Kisi tal-art tat-tessuti li jkollu massa totali ta' massimu ta' 4 800 g/m<sup>2</sup>, u ħxuna minima tal-pil ta' 1,8 mm ISO 1766) u:

- wiċċ ta' 100 % suf;
- wiċċ ta' 80 % jew iktar tas-suf — 20 % jew inqas ta' polyamide;
- wiċċ ta' 80 % jew iktar tas-suf — 20 % jew inqas ta' polyamide/polyester;
- wiċċ ta' 100 % polyamide;
- wiċċ ta' 100 % polypropylene u, jekk ikunu b'wara tal-fowm SBR, massa totali ta' > 780 g/m<sup>2</sup>. It-twapet tal-polypropylene kollha b'wara ta' fowm ieħor mhumiex inklużi.